MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 29 ta’ Awwissu, 2017

Mandat ta’ Inibizzjoni Numru: 1204/17/1 LM

**Cecil Herbert Jones (K.I. 271458M)**

***vs.***

**Charles (K.I. 147956M) u Maria Dolores (K.I. 130957M) konjuġi Grech**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrent **Cecil Herbert Jones** (minn issa ’l quddiem “ir-rikorrent”), li ġie ippreżentat fl-11 ta’ Awwissu, 2017, li jgħid:

*Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimati milli joħorġu* (recte) *l-possedimenti tiegħu mid-dar tiegħu, u milli ċ-ċwievet tad-dar tiegħu jingħataw lill-eżekutanti Charles u Maria Dolores konjuġi Grech – u dan sakemm ikun magħruf l-eżitu tar-Rikors Kostituzzjonali 41/2017SM, kif ukoll tat-talba għar-ritrattazzjoni 1267/2007.*

*Illi b'digriet mogħti fid-29 ta' Mejju 2017 bħala miżura provviżorja dwar mandat ta' żgumbrament 360/17MCH mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet "Cecil Herbert Jones vs. Avukat Ġenerali (Rikors Kostituzzjonali Numru 41/2017SM), il-Qorti laqgħet provviżorjament din it-tielet talba (Dok. A.*[1]*) jiġifieri, "tordna t-twaqqif minnufih tal-vjolazzjoni tal-artikolu 6 li qed jilmenta dwarha r-rikorrent, okkorrendo permezz ta' miżuri provviżorji."(Dok.A).*

*Illi nonostante dina l-miżura provviżorja maħruġa mill-organu Kostituzzjonali u Konvenzjonali tal-pajjiż u minkejja li b'rikors tat-13 ta' Lulju, 2017 MCH ir-rikorrent laqa' għall-esekuzzjoni ta' mandat ta' żgumbrament numru 360/17 billi esibixxa kopja tar-Rikors Kostituzzjonali Numru 41/2017SM, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li kellha quddiemha l-atti tal-mandat ta' żgumbrament numru 360/17MCH b'digriet tal-31 ta' Lulju, 2017 iddegretat hekk:*

> *"Reġgħet rat ir-rikors tat-13 ta' Lulju, 2017 għas-sospensjoni ta' dawn il-proċeduri ta' żgumbrament.*
>
> *Rat ir-risposta tal-kredituri eżekutanti li opponew ... omissis ... r-rikorrenti għandu jitlob rimedju li tagħti l-Liġi senjatament dawk provduti fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali..." (Dok. B*[2]*) .*

*Illi fl-1 ta' Awwissu, 2017 għall-ħabta tal-10.30 ta' filgħodu, il-marixxalli daħlu fil-fond fil-preżenza tar-rikorrent u bidlu s-serratura tal-bieb tad-dar tiegħu.*

---

[1] *A fol.* 5.
[2] *A fol.* 6.

*Għalhekk, huwa sab ruħu barra mid-dar tiegħu u ċ-ċwievet ġew depożitati l-Qorti mill-marixxalli. Il-possedimenti kollha tiegħu għadhom fid-dar tiegħu. (Dok. Ċ).*[3]

*Illi fl-1 ta' Awwissu, 2017, għall-ħabta ta' nofsinhar, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) mingħajr l-ebda talba u mingħajr l-ebda notifika, ikkanċellat id-digriet u neħħiet dan is-salvagward – 'ex post facto'.*

*Illi stante (1) illi fil-ħin tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament 360/17MCH kien għad hemm fis-seħħ miżura provviżorja, liema miżura provviżorja ġiet kanċellata madwar siegħa u nofs wara minn Imħallef ieħor, u (2) illi għad hemm pendenti Rikors Kostituzzjonali li jittratta l-kawża ta' żgumbrament fl-istadju tal-appell, u (3) illi għad hemm pendenti talba għal ritrattazzjoni (Rikors Numru 1267/2007) li tinsab differita għat-3 ta' Ottubru, 2017, ir-rikorrent jitlob (1) li l-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament 360/17 titwaqqaf immedjatament, (2) li l-possedimenti tiegħu ma jinħarġux mid-dar tiegħu, u (3) li ċ-ċwievet tad-dar tiegħu ma jingħatawx lill-eżekutant Chalres Grech – u dan sabiex il-proċeduri Kostituzzjonali jieħdu l-kors tagħhom u jkun magħruf l-eżitu tagħhom.*

Rat illi l-intimati ġew debitament notifikati bir-rikors fil-11 ta' Awwissu, 2017.

Rat ir-Risposta tal-intimati **Charles u Maria Dolores konjuġi Grech** (minn issa 'l quddiem "l-intimati") ippreżentata fis-17 ta' Awwissu, 2017, fejn ġie eċċepit:

*Illi l-esponenti jopponu għat-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi u dan għas-seqwenti raġunijiet:*

*Illi qabel xejn għandu jingħad li dan il-mandat huwa l-aħħar fost diversi tentattivi da parti tar-rikorrent li jistultifika l-andament tal-ġustizzja u jipprova jippersisti li jibqa' jgħix f'dar proprjetà tal-esponenti bi ksur lampanti ta' sentenza finali tal-*

[3] *A fol.* 7.

*Qorti li ordnat l-iżgumbrament tiegħu. Huwa utli qabel xejn li tingħata r-retroxena.*

*Illi l-esponenti kienu pproċedew b’kawża ta’ żgumbrament quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Permezz ta’ sentenza tad-9 ta’ Frar, 2012 fl-ismijiet inversi (Ċitaz. Nru. 1267/07JRM) ir-rikorrent ġie ordnat jiżgombra l-fond in kwistjoni minħabba li ġie stabbilit li kien qed jokkupa l-istess mingħajr titolu validu fil-liġi.*

*Illi sussegwentement ir-rikorrent appella u permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta’ April, 2016 is-sentenza tal-ewwel Qorti ġiet konfermata.*

*Illi r-rikorrent ma ssodisfax ruħu hawn però intavola proċeduri ta’ ritrattazzjoni u proċeduri oħra kontestwali fejn talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta’ April 2016. Ir-ritrattazzjoni għadha pendenti però t-talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ġiet miċħuda permezz ta’ sentenza tas-27 ta’ Frar, 2017.*

*Illi r-rikorrent reġa’ għal darb’oħra għamel tentattiv ieħor sabiex ma jottemperax ruħu ma’ dawn is-sentenzi billi intavola proċeduri kostituzzjonali*[4] *fejn qiegħed jallega illi l-fatt illi r-ritrattazzjoni qed tinstema’ mill-istess imħallfin li semgħu l-appell li qed jintalab li jiġi ritrattat jilledi d-drittijiet ta’ smigħ xieraq tiegħu.*

*Illi l-vessatorjetà ta’ dawn il-proċeduri però tirriżultaw minn żewġ fatti – i) Quddiem il-Qorti tal-Appell waqt ir-ritrattazzjoni ir-rikorrent seta’ faċilment talab ir-rikuża tal-Imħallfin sedenti. Dan m’għamlux. Kwindi r-rikorrent hemm kien akwejixxa ruħu għall-Qorti kif kienet komposta. ii) Apparti minn hekk, filwaqt illi fil-proċeduri ta’ ritrattazzjoni l-esponent talab u ottjena avukat tal-għajnuna legali, fil-proċeduri kostituzzjonali li ntavola riċentement huwa inkariga avukat privatament u ċjoè l-istess avkuat illi permezz tiegħu issa qiegħed jitlob il-ħruġ tal-mandat odjern. Qiegħed jiġi spjegat dan kollu għaliex jekk din ir-retroxena ma tammontax għal abbuż tas-sistema ġudizzjarja l-esponent ma jistax jimmaġina ċirkostanzi agħar minn dawk odjerni. Tant hu hekk li l-Qorti tal-Appell li qed tisma’ ir-ritrattazzjoni talbet investigazzjoni kif l-esponent ingħata dritt*

[4] Rikors Numru 41/17SM.

*għal għajnuna legali u jekk għandux jibqa' jibbenefika fiċ-ċirkostanzi minn tali għajnuna legali.*

*Illi r-rikorrent jagħmel referenza għal digriet li ngħata minn din il-Qorti diversament preseduta li qed tisma' il-proċeduri ta' natura kostituzzjonali. Però dak id-digriet ma waqqafx u m'għandux iwaqqaf l-esekuzzjoni ta' mandat ta' żgumbrament u dan għaliex din il-Qorti ordnat it-twaqqif ta' vjolazzjoni (il-fatt illi r-ritrattazzjoni qed tinstema' mill-istess imħallfin) u mhux l-iżgumbrament. Apparti minn hekk, tant dan id-digriet mhux ċar illi l-Qorti tal-Appell ordnat lill-Prim' Awla li qed tisma' dawk il-proċeduri sabiex tiċċara d-digriet.*

*Illi dan kollu diġà ġie a konjizzjoni ta' din il-Qorti għaliex ftit qabel ma ġie eżegwit il-mandat ta' żgumbrament ir-rikorrent intavola rikors għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat però dan ġie miċħud fil-31 ta' Lulju, 2017, dan wara li dik il-Qorti ħadet konjizzjoni anke tal-fatt illi hemm pendenti l-proċeduri kostituzzjonali u d-digriet tat-twaqqif tal-vjolazzjoni.*

***Sottomissjonijiet legali***

*Illi l-esponenti issa ser jgħaddu biex jagħmlu anke sottomissjonijiet legali u mhux biss fattwali għalfejn dan il-mandat għandu jiġi miċħud.*

*Illi għandu jiġi enfasizzat illi dak li qed jintaleb li jitwaqqaf diġà seħħ. L-iżumbrament seħħ u l-proċedura ġiet kompletata biċ-ċavetta ddepożitata l-Qorti mill-marixxal fl-1 ta' Awwissu, 2017, ossia qabel ma ġie pprezentat il-mandat odjern. Kwindi anke fuq hekk biss dan il-mandat għandu jiġi miċħud.*

*Illi huwa ben risaput li l-iskop u allura l-poter tal-Qorti f'mandat ta' dan it-tip huwa li jżomm lil xi ħadd milli jew jagħmel xi azzjoni partikolari jew li ma jittrasferixxi xi proprjetà. Għalhekk, huwa legalment ovvju li dik il-ħaġa li għandha tiġi inibita milli sseħħ ma tkunx fil-fatt saret.*

*Illi f'dan is-sens, l-esponenti jagħmlu referenza għad-digriet fl-ismijiet **James Pearsall et vs. Maurice Zarb Adami bħala Chairman tas-soċjetà Maltacom p.l.c. u l-Maltacom p.l.c.** (Rikors Ħruġ Mandat Inibizzjoni 1678/01RCP) mogħti nhar it-23 ta' Lulju 2001 fejn intqal hekk:*

> *"Illi minn dawn id-disposizzjonijiet jirriżulta li l-iskop tal-istess proċedura odjerna hija li l-Qorti twaqqaf xi ħaġa milli ssir li tista' toħloq preġudizzju għar-rikorrenti u allura jsegwi li la darba jiġi ppruvat li dik il-ħaġa li qed tiġi ttentata li tiġi inibita milli ssir, fil-fatt tkun diġà saret, din il-proċedura ma tkunx tista' tirnexxi għax l-iskop tagħha jkun ġie vanifikat."*

*Illi fuq dan il-binarju biss, il-mandat odjern għandu jfalli. Id-depożitu taċ-ċwievet u direzzjoni dwar il-possedimenti tar-rikorrenti huma affarijiet sussidjarji u anċillari għall-mandat ta' żgumbrament innifsu. Għalhekk ġaladarba l-iżgumbrament seħħ, ma jistax issa jintalab mandat ta' inibizzjoni fuq dik l-esekuzzjoni.*

*Illi apparti minn hekk għandu jingħad ukoll illi huwa inkonċepibbli ġuridikament li jkollok mandat ta' inibizzjoni li jwaqqaf l-andament ta' mandat eżekuttiv, u dan proprju għaliex ir-rikorrent m'għandux dritt prima facie x'jikkawtela. Anzi dak li qiegħed jipprova jikkawtela r-rikorrent jmur direttament kontra sentenza tal-Qorti tal-Appell, digriet tal-istess Qorti u digriet ieħor ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn ma ġietx milqugħa talba għas-sospensjoni tal-mandat ta' żgumbrament.*

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Awwissu, 2017 fejn appuntat ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tat-18 ta' Awwissu, 2017 u fejn ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12, laqgħet provviżorjament it-talba tar-rikorrent, b'dan iżda irriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Illi fl-udjenza tat-18 ta' Awwissu, 2017, ir-rikorrent talab illi fir-rikors promotur, wara l-kliem "jixtieq iżomm l-intimati milli", jiġu kkanċellati l-kliem "titkompla l-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament numru 360/17", b'dan iżda li żamm ferm il-kumplament tat-talbiet tiegħu. Dan stante li r-rikorrent qabel mal-intimati illi l-mandat ta' żgumbrament imsemmi kien ġie eżegwit. Il-Qorti laqgħet din it-talba tar-rikorrent.

Rat l-atti kollha ta' dan il-Mandat, (minn issa 'l quddiem "il-Mandat").

Semgħet fl-udjenza tat-18 ta' Awwissu, 2017 it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet u r-rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qiegħed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, 873, 875 u 876A.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

B'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tad-9 ta' Frar, 2012 ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April, 2016, ir-rikorrent kien ġie ordnat jiżgombra minn fond f'Birkirkara li kien mikri lil ommu sakemm mietet. Ir-rikorrent odjern istitwixxa proċeduri ta' ritrattazzjoni (Rikors Nru 1267/2007), u pendenti dawn il-proċeduri fis-27 ta' Frar, 2017 ġiet miċħuda it-talba tiegħu għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' April, 2016. Fil-proċeduri tar-ritrattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell, kienu intalbu kjarifiċi dwar diġriet provviżorju mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), (Rikors 41/2017 SM), kawża istitwita wkoll mir-rikorrent odjern, fejn fid-29 ta' Mejju, 2017 kienet ġiet provviżorjament milqugħa t-talba tar-rikorrent

odjern billi ġie ordnat it-twaqqif minnufih tal-vjolazzjoni tal-artikolu 6[5] li qed jallega r-rikorrent odjern. Fl-1 ta' Awwissu, 2017 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ikkanċellat l-imsemmi digriet provviżorju tagħha.

Fl-1 ta' Awwissu, 2017 ukoll, ġiet eżegwita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' April, 2016 bl-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Żgumbrament 360/17 u r-rikorrent odjern ġie żgumbrat mill-fond inkwistjoni, biċ-ċwievet tal-fond li ġew iddepożitati mill-marixxall taħt l-awtorità tal-Qorti.[6]

Permezz tat-talba tiegħu għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrent qiegħed jitlob illi pendenti l-eżitu tal-proċeduri tar-ritrattazzjoni u tal-imsemmija kawża kostituzzjonali, il-possedimenti tiegħu fid-dar ta' Birkirkara ma jinħarġux minn hemmhekk u ċ-ċwievet tal-imsemmija dar depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti, m'għandhomx jingħataw lill-intimati.[7]

L-intimati jikkontendu li l-proċeduri odjerni huma vessatorji u abbuż tas-sistema ġudizzjarja u li tali talbiet huma legalment inammissibili stante l-għoti taċ-ċwievet lill-intimati u d-dispożizzjoni tal-oġġetti tar-rikorrent mid-dar huma anċillari għall-istess mandat ta' żgumbrament li diġà ġie eżegwit u ma hemmx l-element ta' dritt *prima facie* biex jinħareġ mandat

[5] Fl-kawża kostituzzjonali ir-rikorrent odjern qiegħed jallega ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ imparzjali u indipendenti taħt l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-istess tliet Imħallfin li ddeċidew l-appell illum qed jisimgħu r-ritrattazzjoni minn dik l-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell.
[6] *A fol.* 7.
[7] *A fol.* 14 l-ewwel talba tar-rikorrent, biex ma titkompliex l-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament, ġiet ċeduta mir-rikorrent stante li huwa jaqbel li l-mandat ta' żgumbrament illum ġie eżegwit.

ta' inibizzjoni kontra mandat eżekuttiv wara sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell li ordnaw l-iżgumbrament u kontra digriet tal-Qorti tal-Appell fil-kawża tar-ritrattazzjoni li ma laqgħetx it-talba tar-rikorrent odjern għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' April, 2016.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi r-rikors odjern qiegħed jintalab abbażi tal-artikolu 873 tal-Kap. 12. Dan l-artikolu jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, u l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrent. Il-periklu jkun għall-jedd tar-rikorrent fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[8]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrent, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi għall-akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[9]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

---

[8] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech *proprio et nomine vs.* Stephanie Manfré** – Q.A.,14.07.1988, Kollez. Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

[9] P.A., 13.05.2014.

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bhal dak jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħra l-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu rimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawza ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għaliha almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[10]

(3) Ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib.[11] Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[12] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

---

[10] P.A., 22.09.1995. Ara ukoll **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited,** P.A., 28.01.2005.
[11] Qorti tal-Kummerċ, 26.05.1995, **Cassar Pullicino *noe vs.* Caruana Curran *noe et*** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).
[12] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż *prima facie* jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà, u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifsser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[13];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[14]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed mill-imsemmija rekwiżiti ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[15]

---

[13] P.A., 25.01.2005.
[14] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[15] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A. kif hawn presjeduta, 27.12.16.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti issa sejra tqis kif dawn il-prinċipji legali elaborati fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, għandhom jiġu applikati għall-fattispecji odjerni kif jirriżultaw mad-daqqa t’għajn skont il-provi ippreżentati mill-partijiet.

Illi kif ingħad, ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u jekk xi wieħed mir-rekwiżiti msemmija ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Awwissu, 2017, ir-rikorrent ċeda t-talba tiegħu sabiex l-intimati jiġu mwaqqfa permezz tal-Mandat milli jkomplu bl-esekuzzjoni tal-mandat ta’ żgumbrament numru 360/17, u dan minħabba li l-imsemmi mandat ta’ żgumbrament kien effettivament ġie eżegwit. Però r-rikorrent żamm ferm l-aħħar żewġ talbiet tiegħu, ċjoè li bil-ħruġ tal-Mandat iċ-ċwievet tal-post inkwistjoni ma jgħaddux lill-intimati u ma jinħarġux mid-dar il-possedimenti tar-rikorrent.

Għalhekk iż-żewġ talbiet rimanenti tar-rikorrent iridu jiġu eżaminati fid-dawl tal-imsemmija elementi rikjesti mil-liġi għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni:

(i) Kwantu għall-ewwel element meħtieġ, dak li jkun sejjer isir xi att li jista’ jkun ta’ preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrent, tqis illi l-att *per se* tal-għoti

taċ-ċwievet tal-fond inkwistjoni lill-intimati u l-ħruġ tal-possedimenti tar-rikorrent mill-imsemmi fond, bl-ebda mod mhuma se jippreġudikaw xi jedd li r-rikorrent jista’ għandu. Ir-rikorrent stess jammetti li ġie żgumbrat mill-fond inkwistjoni u hemm żewġ sentenzi tal-Qorti li iddikjaraw illi r-rikorrent odjern m’għandu ebda dritt li jibqa’ fil-fond inkwistjoni. L-għoti taċ-ċwievet tal-fond lill-intimati u l-ħruġ tal-possedimenti tar-rikorrent mill-imsemmi fond, huma anċillari u parti integrali mill-proċedura tal-esekuzzjoni tal-mandat ta’ żgumbrament li ġie esegwit u bl-ebda mod mhuma se jippreġudikaw xi jedd li r-rikorrenti jista’ għandu, għaliex *pendente lite* l-kawża kostituzzjonali u l-kawża għar-ritrattazzjoni, ir-rikorrent ser jibqa’ żgumbrat mill-fond.

Tqis għalhekk illi r-rikorrent ma rnexxilux jipprova *prima facie* li għandu xi jedd li ser jiġi ippreġudikat jekk ma jinħariġx il-Mandat u ċ-ċavetta tal-fond tingħata lill-intimati u l-possedimenti tar-rikorrent jinżammu x’imkien ieħor jekk ma jitlobx li joħodhom huwa stess.

Illi kif fuq ingħad, in-nuqqas ta’ wieħed mir-rewkiżiti meħtieġa biex jinħareġ il-Mandat huwa biżżejjed biex tiġi miċħuda talba għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Imma għall-kompletezza l-Qorti sejra teżamina jekk it-talbiet tar-rikorrent jissodisfawx jew le ir-rekwiżiti l-oħrajn suċitati sabiex ikun jista’ jinħareġ il-Mandat;

(ii) It-tieni rekwiżit abbinat mal-ewwel rekwiżit, huwa li l-jedd *prima facie* li jista' għandu r-rikorrent jintilef darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli jekk ma jinħarigx il-Mandat. Li kieku għas-saħħa tal-argument il-mandat ta' żgumbrament kien għadu ma ġiex eżegwit, u permezz tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni r-rikorrent talab illi l-intimati jinżammu milli jeżegwixxu l-mandat ta' żgumbrament, ir-rikorrent seta' jargumenta illi bl-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament, il-jedd *prima facie* li seta' kellu r-rikorrent, kien se jintilef darba għal dejjem. Il-fatt li llum il-ġurnata r-rikorrent ġie effettivament żgumbrat mill-fond inkwistjoni, x'jiġri mill-possedimenti tiegħu u jekk iċ-ċwievet tal-fond inkwistjoni għandhomx jingħataw lill-intimati, għandhom jitqiesu bħala kwistjonijiet ancillari u konsegwenzjali għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament. Pendenti l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) u quddiem il-Qorti tal-Appell, jinħareġ jew ma jinħarigx il-Mandat, ir-rikorrent odjern xorta ser jibqa' żgumbrat mill-fond u ma jistax jargumenta illi fl-ipoteżi li r-rikorrent odjern jirbaħ xi waħda mill-kawżi msemmija, jekk ma jinħarigx il-Mandat ser ikun tilef xi jedd *prima facie*. Il-fatt li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat tiġi miċħuda, ma jfissirx li r-rikorrent ma jistax jingħata raġun fil-kawża fil-mertu, f'liema eventwalità l-fatt li *pendente lite* tkun ingħatat lura ċ-ċavetta tal-fond lill-intimati u jkun ingħata provvediment dwar il-possedimenti tar-rikorrent, bl-ebda mod ma jkun jista' jingħad illi dan ikun ġab fix-xejn tali dritt;

(iii) Huwa loġiku li peress li mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ abbażi ta' dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li r-rikorrenti għandu dawk il-jeddijiet li qed jitlob li jiġu ikkawtelati permezz tal-Mandat, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Din il-Qorti hija limitata fl-indaġini li tista' tagħmel fi proċedura sommarja bħal din, fejn trid toqgħod fuq dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-pretensjonijiet tar-rikorrent. Dwar dan it-tielet rekwiżit, għandu jingħad illi mal-ewwel daqqa t'għajn, id-dritt li jidher li jeżisti mhuwiex tar-rikorrenti imma tal-intimati għar-ripreża tal-fond inkwistjoni kif ordnata b'żewġ sentenzi tal-Qrati tagħna.

Illi kif intqal aktar 'il fuq il-mandat ta' inibizzjoni hu mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali (ir-raba' rekwiżit) u m'għandux jintuża bħala *arm twisting* (il-ħames rekwiżit). Il-Qorti terġa' ttenni illi kieku *dato non concesso* kellhom jiġu milqugħa t-talbiet tar-rikorrent odjern, dan ma jkun ta' ebda utilità prattika għalih għaliex pendenti l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), il-possedimenti tiegħu xorta ser jibqgħu maqbuda u fil-frattemp xorta mhux ser ikun jista' jidħol fil-fond inkwistjoni u dan iffisser li r-rikorrent mhu ser isofri l-ebda preġudizzju ulterjuri jekk ma jiġix milqugħ il-Mandat. Bil-ħruġ tal-Mandat huma effettivament l-intimati li jiġu preġudikati b'aktar dewmien biex jieħdu f'idejhom il-fond inkwistjoni, bi preġudizzju ulterjuri għalihom. Il-veru

preġudizzju li qed isofri r-rikorrent preżentement hu li m'għandux pussess tal-possedimenti tiegħu, liema preġudizzju jista' jiġi rimedjat jekk jagħmel talba appożita fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament sabiex jirtira tali possedimenti, u f'dan is-sens ukoll jiġi nieqes l-element tal-irrimedjabbilità.

Illi fir-rigward tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell għar-ritrattazzjoni, l-artikolu 823 tal-Kap. 12 jipprovdi r-rimedju quddiem il-Qorti li tkun qed tisma' ir-ritrattazzjoni, biex tintalab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ritrattata bl-għoti ta' garanzija u billi jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-eżekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-eżekuzzjoni tista' tikkaġuna lill-parti kuntrarja. Il-Qorti tal-Appell diġà ċaħdet it-talba tar-rikorrent odjern għas-sospensjoni tas-sentenza.[16] Għaldaqtant għandha tapplika id-dispożizzjoni tas-sub-artikolu 823(1) tal-Kap. 12 fejn talba għar-ritrattazzjoni m'għandhiex twaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza attakkata.

Fis-sottomissjonijiet finali, l-abbli avukat tar-rikorrent, filwaqt li sostna li l-kawża kostituzzjonali għandha sinifikat minimu fuq din il-kawża, fl-istess nifs jagħmilha waħda mir-raġuni prinċipali għaliex għandu jinħareġ il-Mandat biex ċ-ċwievet tal-fond ma jingħatawx lill-intimati u l-possedimenti tar-rikorrent ma jinħarġux mill-fond. Kemm il-kawża kostituzzjonali u kemm il-kawża għar-ritrattazzjoni, jiġu kif jiġu deċiżi, l-atti li qed jintalbu li jiġu

[16] Din it-talba ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2017.

inibiti mir-rikorrent ma jaffettwawx bl-ebda mod dawn id-deċiżjonijiet, inqas u inqas b'mod irrimedjabbli.

Illi kwantu għall-miżura provviżorja li kienet ordnat il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), li ssemmiet aktar 'il fuq fil-kuntest fejn il-Qorti tal-Appell talbet kjarifika dwar id-digriet provviżorju mogħti fil-proċeduri kostituzzjonali, l-avukat difensur tar-rikorrent odjern qiegħed jallega li l-miżura provviżorja kienet għadha *in vigore* meta ġie eżegwit il-mandat ta' żgumbrament. L-avukat difensur tar-rikorrent isemmi wkoll li din il-miżura provviżorja tneħħiet mill-istess Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) *ex post facto,* dakinhar stess li ġie eżegwit il-mandat ta' żgumbrament. Però għandux raġun jew le r-rikorrent, jibqa' l-fatt illi l-mandat ta' żgumbrament issa ġie eżegwit u dak li qiegħed jintalab mir-rikorrent li jiġi inibit huwa biss anċillari u sekondarju għall-imsemmi mandat ta' żgumbrament. Dak li essenzjalment baqa' jilmenta minnu r-rikorrent odjern huwa li m'għandux pussess tal-oġġetti personali tiegħu fejn l-avukat difensur tiegħu saħansitra stqarr quddiem din il-Qorti li r-rikorrent bilkemm seta' jsib ġlekk biex deher il-Qorti. Però r-rikorrent xorta jista' jitlob li l-Qorti tagħti provvediment dwar l-oġġetti personali tiegħu maqbuda fil-fond inkwistjoni biex jingħata pussess tagħhom.

Finalment il-Qorti tqis li r-rikors promotur huwa wieħed vessatorju u għandu jfalli għax ma jissodisfax diversi rekwiżiti mitluba mil-liġi u mill-ġurisprudenza għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Ir-rikors promotur

għandu l-iskop biss li ma jingħatax lura l-pussess tal-fond inkwistjoni lill-intimati u intiż biex itawwal id-diżaġju tal-intimati. Inoltre ma jidhirx li *prima facie* hemm xi jeddijiet tar-rikorrent li jistgħu jiġu ikkawtelati bil-ħruġ tal-Mandat u li jekk ma jinħarigx il-Mandat se jinħoloq preġudizzju għar-rikorrent li ma jkunx rimedjabbli.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat billi ma rriżultawx ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.**

**Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-11 ta' Awwissu, 2017, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju.**

Mogħti kameralment fid-29 ta' Awwissu, 2017.